MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 146/2006/2

**L-Avukat Dottor Georgine Schembri xebba Grech ghan-nom u bhala rapprezentanta tal-imsiefra Carmela Buttigieg**

**v.**

**Carmel Buttigieg**

**Il-Qorti:**

Rat illi dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Lulju 2010, li l-konvenut Carmel Buttigieg nieda fl-1 ta' Ottubru 2010. It-talba ghas-smiegh mill-gdid tal-appell qed issir a bazi tal-

Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li tippermetti dan meta jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi. Din il-Qorti tara' li in linea preliminari jkun tajjeb li hawnhekk tigi riprodotta s-sentenza intiera li nghatat minn din il-Qorti fid-data msemmija, peress li fiha hemm migbura l-fatti tal-kaz u d-decizjoni li waslet ghal dawn il-proceduri:

"**Il-Qorti**

"**Preliminari**

"**1.** Dan hu appell ad istanza ta' Carmel Buttigieg minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fil-21 ta' Mejju 2008 li cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-kompetenza tal-Qorti, iddikjarat ruhha kompetenti u halliet il-kawza ghall-kontinwazzjoni. Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

"**2.** Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

""Il-Qorti,

""Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-attriċi nomine li permezz tiegħu, wara li ppremettiet:

""Illi r-rikorrenti Carmela Buttigieg nee` Sultana u l-intimat Carmel Buttigieg iżżewġu lil xulxin fl-għaxra (10) ta' Ottubru elf disa' mija u sebgħin (1970)

""Illi matul iż-żwieġ tagħhom kienet topera bejniethom f'Malta l-komunjoni ta' l-akkwisti.

""Illi l-partijiet ittrasferew irwieħhom lejn l-Awstralja u stabbilew ir-residenza tagħhom hemm hekk.

""Illi huma sseparaw fl-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u ġie dikjarat ukoll id-divorzju taż-żwieġ ta' bejniethom permezz ta' deċiżjoni tal-Family

Court of Australia f'Parramatta mogħtija fl-għoxrin (20) ta' Ottubru elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989).

““Illi l-partijiet baqgħu qatt ma rregolaw id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom f'Malta.

““Illi għalhekk il-konsistenza ta' l-istess komunjoni baqgħet u għadha proprjeta tal-partijiet flimkien u indivizament bejniethom.

““Illi r-rikorrenti ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni ma' l-intimat, u minkejja diversi nterpellazzjonijiet, l-intimat naqas milli jersaq għad-diviżjoni relattiva għall-istess.

““Illi l-esponenti taf dawn il-fatti kollha personalment.
““Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

““i. Tillikwida l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti
f'Malta bejn ir-rikorrenti Carmela Buttigieg u Carmel Buttigieg.

““ii. Taqsam u tiddividi l-assi riżultanti.

““iii. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opport6un ta' diviżjoni f'dik id-data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

““iv. Kemm-il darba l-beni li għandhom jiġu diviżi jirrtiżultaw li ma humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni u r-rikavat jiġi pperċepit mill-kontendenti fil-kwoti rispettivi.

““Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 13 ta' Frar, 2006, 5 ta' Gunju, 2006, 23 ta' Awissu 2006, 2 ta' Novembru 2006 u tal-ittra uffiċjali numru 416/2006.

““L-intimat imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

““Rat ir-Risposta tal-konvenut li eċċepixxa illi:

““1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante illi jekk si tratta ta’ xoljiment ta’ komunjoni ta’ l-akkwisti, u likwidazzjoni ta’ l-istess din il-kawża kellha ssir quddiem din il-Qorti, pero’ fil-kompetenza tagħha ta’ sezzjoni tal-Familja.

““2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll fuqa linea preliminari l-attriċi ma tistax titlob dan ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti qabel ma tirreġistra d-divorzju minnha ottenut skond il-proċedura nostrana. Illi difatti kemm-il darba dan id-divorzju għadu fis-seħħ u għaldaqstant ma tistax tintalab likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti mingħajr ma tintalab separazjzoni personali u dan sa kemm divorzju minn Qorti barranija jkun għadu ma ġiex reġistrat f’Malta. Għaldaqstant fin-nuqqas ta’ tali reġistrazzjoni din il-kawża hija proċeduralment nulla u monka u l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

““3. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ma hemm xejn x’jinqasam u x’jiġi likwidat bejn il-kontendenti stante illi l-attriċi diġa ħadet sehemha minn assi illi kellha l-istess komunjoni.

““4. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost kemm-il darba jista jirriżulta illi hemm xi beni jista’ trid tiġi pruvata l-konsistenza ta’ l-assi u jrid jiġi segregat dak li hu parafernali minn dak li jista’ jkun tal-komunjoni.

““5. illi din ir-risposta qed issir u qed tiġiu kkonfermata bil-ġurament minn Carmel Buttigieg li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in eċċezzjoni.

““6. illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
““Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

““Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni ta’ l-attriċi nomine minn issa għas-subizzjoni.

““Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Frar 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti *'ratione materie'.*

““Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-istess eċċezzjoni.

““Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

““Ikkunsidrat:

““Illi permezz ta’ din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu, il-konvenut qed jgħid li din il-Qorti hija nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża preżenti, billi, stante li tittratta minn talba għal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, messha saret quddiem din il-Qorti Sezzjoni Familja. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni jiċċita l-artikoli 55 u 55A tal-Kap. 16 u l-Avviż Legali 397 tal-2003, kif emendat bl-avviż legali 9 ta' l-2004 u 181 u 186 tal-2006.

““Huwa minnu illi a tenur ta' dawn ir-regolamenti, kwistjonijiet li jaqgħu taħt dak kontemplat fl-artikoli hawn ċitati tal-Kodiċi Ċivili, bdew jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Superjuri Sezzjoni Familja, minn meta twaqqfet dik il-Qorti. Imma fil-każ in eżami, m'hemm l-ebda talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, għax din ġia kienet ġiet awtomatikament terminata bid-divorzju li ottjenew il-kontendenti mill-Family Court Division fl-20 ta' Ottubru 1989, meta ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ġie xolt.

““L-istess fir-rigward ta' l-artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili, billi hawn lanqas m'hi qed tintalab is-separazzjoni, imma sempliċement il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' beni pposeduti in komun bejn żewġ komproprjetarji.

““Għalhekk, billi ma jidhirx illi dawn l-artikoli huma applikabbli għall-każ in eżami, m'għandu jkun hemm l-ebda ostakolu għal din il-Qorti li tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet preżenti.

““Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, filwaqt illi tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari, tiddikjara ruħha kompetenti, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

““L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.”

“**Appell tal-konvenut Carmel Buttigieg**

“**3.** Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b’rikors prezentat fit-2 ta’ Gunju 2008.

“**4.** L-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti:-

“L-eccezzjoni sollevata minnu dwar il-kompetenza tal-Qorti tohrog mill-Avviz Legali 397/2003 kif emendat bl-Avviz Legali 9/2004 u 181 u 186 tat-2006 partikolarment fil-partita 4 tal-iskeda. L-argumenti tal-ewwel Qorti dwar l-Artikoli 55 u 55A tal-Kap. 16 huwa fallaci billi l-Avvizi Legali fuq citati jaghtu kompetenza lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-likwidazzjoni tal-akkwisti tista’ ssir biss taht it-Titolu I. Similment l-ewwel Qorti ma tistax tagixxi biex tiddeciedi din il-kawza kieku l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) ma jirrikonoxxix id-divorzju barrani.

“**5.** Ghaldaqstant il-konvenut appellant talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u li din il-Qorti tal-Appell konsegwentement tilqa’ l-eccezzjoni tieghu u tiddikjara illi l-ewwel Qorti hija inkompetenti biex tkompli tisma’ dan il-kaz. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

“**Risposta tal-attrici appellata.**

“**6.** Fl-ewwel lok l-appellata eccepiet li l-appell huwa rritu u null billi dawn si tratta ta’ appell minn decizjoni in parte, u ghalhekk il-konvenut kellu jitlob permess mill-Qorti sabiex ikun jista’ jipprezenta l-appell odjern.

“**7.** Fil-mertu wiegbet li s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u timmerita li tigi konfermata. L-azzjoni minnha proposta hija bbazata fuq l-Artikolu 1317 tal-Kap. 16 u

jekk wiehed jara l-assenjazzjoni tal-kawzi tal-Qorti Civili jsib li din hi regolata bir-regolamenti 4, 5 u 6 tal-Avviz Legali 396/2003 kif emendat bl-Avviz Legali 9/2004 u 181 u 186 tal-2006. L-Artikolu 1317 tal-Kap. 16 jinsab fis-subtitlu III tat-Titlu V tat-Taqsima II fit-Tieni Ktieb tal-Kap. 16. Ghalhekk dan l-artikolu la jaqa' taht ir-regolament 4 tal-Avviz Legali 396/2003 u lanqas taht ir-regolament 5 tal-istess avviz legali. Ghalhekk, ai termini tar-regolament 6 tal-istess avviz legali, il-Qorti kompetenti sabiex tisma' talbiet maghmula abbazi tal-Artikolu 1317 hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili, u mhux il-Qorti tal-familja.

"**Konsiderazzjonijiet**

"**8.** Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ewwel il-pregudizzjali mressqa mill-appellata dwar l-irritwalita` tal-appell interpost mill-konvenut stante li jekk din hi fondata, allura jkun inutile li din il-Qorti tinoltra aktar fil-mertu tal-aggravju sollevat mill-konvenut.

"**9.** L-attrici appellata qed issostni li l-appell interpost huwa rritu u null billi ma jidhirx li l-appellant talab il-permess tal-ewwel Qorti biex jappella u dan fit-termini tal-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12. Skond dan l-artikolu, meta diversi kwistjonijiet fl-istess kawza jigu decizi b'gudizzju separat, ir-regola hija li jkun hemm appell minn dik is-sentenza biss wara l-gudizzju finali. Hemm eccezzjoni li tippermetti li jsir appell minn sentenza parzjali qabel ma jkun hemm is-sentenza finali fil-mertu, basta jintalab il-permess tal-Qorti li tkun tat dik is-sentenza parzjali, liema permess irid jinqara bil-miftuh fil-Qorti. Skond il-*proviso* tal-imsemmi artikolu, it-talba ghal tali permess trid issir jew verbalment immedjatament wara li tkun inghatat dik is-sentenza parzjali jew permezz ta' rikors fi zmien sitt ijiem mid-data li fiha tkun inghatat l-istess sentenza.

"**10.** Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut appellant, la ghamel talba verbali immedjatament wara li nghatat is-sentenza parzjali li minnha llum hemm appell, kif ukoll lanqas ma pprezenta rikors fi zmien sitt ijiem mid-data ta' dik is-sentenza, kif jirrikjedi l-istess paragrafu. Il-konkluzjoni ghalhekk hi li l-vot tal-ligi ma giex osservat.

"**11.** Il-Qorti ma tistax taccetta l-argument li fil-kaz tal-eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti, anke meta din tigi respinta, il-parti telliefa ghandha dejjem u necessarjament dritt li tappella skond u meta taghzel hi, bla ma titlob id-debitu permess min-naha tal-ewwel Qorti, anke meta s-sentenza m'hijiex wahda finali. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ghad jista' jaghmel dan flimkien mad-decizjoni finali. Imma sa dan l-istadju huwa kellu jitlob il-kunsens tal-ewwel Qorti biex jappella, haga li m'ghamilx.

"**12.** Fl-ahharnett, il-Qorti ma tistax ma tosservax li din il-kwistjoni preliminari li issa ilha erba' snin pendenti setghet giet definita fi zmien ftit jiem kieku gie segwit dak li jipprovdi l-Kap. 12 u senjatament dak li jipprovdi s-subartikolu (9) tal-Artikolu 11[1]. Inoltre fil-kaz ta' appelli simili, li jsiru minghajr l-awtorizzazjoni tal-Qorti, ghandu jinsab mezz biex dawn jingiebu quddiem din il-Qorti immedjatament u mhux wara sentejn.

"**Decide**

"**13.** Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni msemmija tal-attrici appellata u peress illi ma giex osservat il-vot tal-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12, tiddikjara l-appell interpost mill-konvenut bhala irritu u null u konsegwentement ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu. L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a kariku tal-istess konvenut appellant. Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

"**14.** Jibqa' rizervat lill-konvenut id-dritt, jekk ikun il-kaz, li jappella anke fuq din il-kwistjoni wara s-sentenza finali tal-ewwel Qorti; jibqa' riservat kull dritt ukoll spettanti lill-partijiet kif ukoll lill-Qorti ta' Ghawdex skond l-imsemmi Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 u r-regolamenti indikati. Kopja ta' din is-sentenza ghandha wkoll tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex in vista ta' dak li inghad fil-paragrafu **12**."

[1] Applikabbli wkoll huwa r-regolament 8 tal-A.L. 396/2003 li hu riprodott fl-iskeda tal-A.L. 397/2003. Kulhadd, inkluza l-ewwel Qorti, ghogbu jinjora dawn id-disposizzjonijiet.

L-aggravju tar-ritrattand hu bazat fuq il-fatt li din il-Qorti, fis-sentenza fuq imsemmija, qieset irritu u null appell li hu ressaq kontra decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Kompetenza Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, meta cahdet eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza tal-Qorti, u dan peress illi ma giex osservat il-vot tal-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 indikat meta ma ntalabx il-permess mill-Qorti tal-Prim Istanza sabiex seta’ jsir dak l-appell. Skont hu din il-Qorti kellha tapplika l-Artikolu 234 tal-istess Kap. 12, li jippermetti appell minn decizjonijiet dwar il-kompetenza tal-Qorti.

Din il-Qorti ma taqbilx li din il-Qorti, fis-sentenza taghha, ma qiesitx l-Artikolu 234 imsemmi. Fil-fatt, fil-paragrafu 11 tas-sentenza taghha, din il-Qorti espressament qieset u warbet is-sottomissjoni tar-ritrattand li, skont il-ligi, hu seta’ jappella mis-sentenza minghajr ma qabel jottjeni awtorizzazzjoni mill-Qorti li tatha. Il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

*“11. Il-Qorti ma tistax taccetta l-argument li fil-kaz tal-eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti, anke meta din tigi respinta, il-parti telliefa ghandha dejjem u necessarjament dritt li tappella skont u meta taghzel hi, bla ma titlob id-debitu permess min-naha tal-ewwel Qorti, anke meta s-sentenza m'hijiex wahda finali. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ghad jista’ jaghmel dan flimkien mad-decizjoni finali. Imma sa dan l-istadju huwa kellu jitlob il-kunsens tal-ewwel Qorti biex jappella, haga li m’ghamilx.”*

Dak li ghamlet din il-Qorti kien li applikat il-principju ghall-kaz, u taqbel jew ma taqbilx ma’ din l-interpretazzjoni, zgur li ma jistax jinghad li kien hemm applikazzjoni ta’ ligi flok ohra. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bonello v. Larchin**, deciza fil-15 ta’ Dicembru, 1945:

*“Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi meta s-sentenza fuq punt ta’ fatt kif stabbilit bis-sentenza impunjata ma tkunx konformi mal-ligi, u meta l-kaz ma jkunx in riferenza ghall-interpretazzjoni ta’ xi ligi li fuqha d-decizjoni giet*

*espressament moghtija. Ghalhekk ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni ghal dan il-motiv meta l-kwistjoni tkun wahda ta' interpretazzjoni li s-sentenza impunjata tkun tat lil-ligi. Id-dover tal-gudikant huwa mhux semplicement dak li japplika l-ligi, imma anke dak li jara, minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x'inhija l-probabbli intenzjoni tal-legislatur f'dawk ic-cirkostanzi u li japplika l-ligi u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta."*

Fl-aghar ipotesi, dak li setghet ghamlet il-Qorti kien li interpretat hazin il-ligi inkwistjoni; meta Qorti tinterpreta hazin d-dispozizzjonijiet tal-principji legali applikabbli, u in vista ta' dik l-interpretazzjoni tasal ghal certa konkluzjoni, ma jkunx hemm lok ghal ritrattazzjoni, ghax il-materja tirrizolvi ruhha fi kritika tas-sentenza impunjata u mhux ta' ritrattazzjoni. Kritika ta' sentenza tista' ssir quddiem din il-Qorti wara sentenza minn Qorti inferjuri, izda l-procedura ta' ritrattazzjoni ma tistax tintuza ghat-<u>tielet smiegh</u> ta' kawza li ghaddiet in gudikat.

Dak li ghamlet din il-Qorti kien li wara li qieset iz-zewg provvedimenti tal-ligi, rat kif tasal li tirrikonciljhom, u interpretat u applikat l-istess skont kif dehrilha hu l-hsieb tal-ligi. Kwindi, ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talbiet tar-ritrattand Carmel Buttigieg ghat-thassir u smiegh mill-gdid tal-kawza deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Lulju 2010.

L-ispejjez jithallsu mill-imsemmi ritrattand Carmel Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------